## PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA, LL.D**

*Rikors Ġuramentat Numru 1227/2018 MS*

**Raymond Agius fil-kwalità tiegħu ta' mandatarju speċjali għan-nom u in rappreżentanza ta' l-assenti minn Malta Dr Rudi Agius**

**Vs.**

**(1) Adrian Attard Trevisan**
**(2) AAT Research Limited u**
**(3) AAT Medical Limited,**
**u b'sentenza in parte tas-17 ta' Ġunju 2020 fl-ismijiet premessi, il-konvenuti Adrian Attard Trevisan u s-soċjetà AAT Medical Limited ġew liberati mill-osservanza tal-ġudizzju**

Illum, 21 ta' Novembru, 2024

Kawża Numru: 2

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors ġuramentat preżentat mill-attur nomine fis-7 ta' Diċembru 2018 li permezz tiegħu, wara li huwa ppremetta hekk:

> ILLI preliminarjament, l-esponenti ingħata prokura bħala mandatarju specjali ta' ibnu, l-assenti minn Malta Dr Rudi Agius (ID: 8286M), u dana hekk kif jirriżulta mid-dokument anness u mmarkat bħala **Dok. RA.1**;
>
> ILLI l-esponenti Dr Rudi Agius għandu dottorat fix-xjenzi u preċiżament fil-Life Sciences, wara illi temm l-istudji tiegħu f'*University College London*;
>
> ILLI permezz ta' kuntratt datat 16 ta' Ġunju, 2015 l-esponenti ġie mpjegat għal żmien indefinit b'effett mill-15 ta' Ġunju, 2015 mas-soċjetà intimata AAT Medical Limited bħala '*Algorithm Researcher*' – u dana ai termini tal-kuntratt anness u eżebit bħala **Dok. RA.2**. Il-"*Job Profile*" illi kien jinkludi d-deskrizzjoni tax-xogħol u d-dmirijiet ta' l-esponenti kien rilaxxjat ftit iżjed minn sena wara, fit-22 ta' Ġunju, 2016 – kopja annessa u mmarkata **Dok. RA.3**.
>
> ILLI l-*Managing Director* ta' l-istess soċjetà intimata kien l-intimat Adrian Attard Trevisan, u l-esponenti kien jirraporta lilu direttament kif ukoll lil Kris D'Amato waqt il-qadi ta' l-impieg tiegħu. L-esponenti jirrileva ukoll illi fiż-żmien waqt illi l-esponenti kien għadu mpjegat mas-soċjetà msemmija, l-intimat Attard Trevisan kien qiegħed huwa stess isegwi programm ta' studji għal dottorat (ossija Ph.D.) ma' l-*Universita Degli Studi Di Milano*, l-Italja liema dottorat kien jirrigwardja t-tema tal-fisjoloġija. Sa' dan iż-żmien, l-intimat kien iġib it-titlu ta' "Dr" qabel ismu, u dan għaliex allegatament kien wettaq dottorat ieħor f'xi żmien preċedenti f'xi Universitá fl-Ingilterra;
>
> ILLI fil-qadi ta' l-impieg tiegħu, l-esponenti kien joħloq kunċetti u idejat relatati max-xogħol tiegħu, u dana b'mod oriġinali u bil-ħidma tal-kapaċitajiet intellettwali tiegħu esklussivament. Huwa kien jgħarraf lill-esponenti Attard Trevisan b'dan ix-xogħol billi jibgħatlu aġġornamenti regolari dwar dak li jkun ħadem fuqu u l-kunċetti żviluppati minnu – u dana permezz ta' rapporti u *presentations* viżwali u bil-miktub. Dawn il-*presentations* kien fihom mhux biss il-kelma miktuba imma elementi viżwali bħalma huma *diagrams* u *charts* li nħolqu b'mod għal kollox oriġinali bil-ħidma esklussiva ta' l-esponenti. Il-biċċa l-kbira ta' dan ix-xogħol maħluq mill-esponenti kien kontenut f'dokument elettroniku bl-isem "*Seizure Prediction System30_08_2015.pptx*" – kopja ta' liema document huwa anness u mmarkat bħala **Dok. RA.4**;

ILLI l-esponenti jisħaq illi x-xogħol imsemmi fil-paragrafu preċedenti kien qiegħed isir kollu fl-ambitu ta' l-impieg tiegħu mas-soċjetá intimata AAT Medical Limited, u għas-soċjetá intimata l-oħra AAT Research Limited; u intenzjonat għall-użu fil-kuntest tal-kummerċ ta' dawk is-soċjetajiet u fl-ebda kuntest, skop jew ambitu ieħor.

ILLI lejn l-aħħar tas-sena 2016 l-esponenti skopra illi l-intimat Attard Trevisan kien issottometta t-teżi għad-dottorat tiegħu bit-titlu "*Novel Computational Electroencephalographic Methodologies for Autism Management And Epileptic Seizure Prediction*" (kopja annessa u mmarkata bħala **Dok. RA.5**), liema teżi ġiet approvata mill-*Universitá Degli Studi Di Milano* u li sussegwentement ikkonferiet id-dottorat fuq l-istess intimat. L-esponenti skopra wkoll illi l-istess teżi kien fiha partijiet estensivi illi kienu kkuppjati direttament mix-xogħol illi kien għamel l-esponenti kif deskritt qabel, u dana mingħajr l-esponenti kien qatt jaf illi xogħolu kien qed jiġi użat b'dan il-mod, u kwindi wisq anqas bil-permess tiegħu. L-istess xogħol, bħalma jirriżulta mit-teżi in kwistjoni ma jirrikonoxxix lill-esponenti fil-lista ta' riferenzi jew biblijografiċi. Anzi, b'intenzjoni qarrieqa għall-aħħar, l-intimat Attard Trevisan inkluda riferenzi għal kollox foloz u ineżistenti sabiex jipprova jaħbi s-sors tal-kontenut ta' dawk il-partijiet tat-teżi illi sfaċċatament seraq mill-esponenti – u dana kif ser jiġi ppruvat ampjament waqt l-andament tal-kawża odjerna;

ILLI d-drittijiet ta' l-awtur fir-rigward tax-xogħol imwettaq mill-esponenti kienu jappartjenu esklussivament u limitatament lilu, u la s-soċjetajiet intimati u lanqas l-intimat ma qatt kellhom dritt skond il-liġi u skond il-kuntratt ta' l-impieg fuq imsemmi sabiex jużaw ix-xogħol artistiku u/jew letterarju ta' l-esponenti għal skopijiet 'il hinn mill-impieg ta' l-esponenti mas-soċjetá AAT Medical Limited; u wisq inqas għal skop għal kollox personali bħalma kienu l-istudji u d-dottorat ta' l-intimat Attard Trevisan.

ILLI l-esponenti huwa l-propjetarju tad-drittijiet tal-awtur (*copyright*) fix-xogħolijiet hawn fuq imsemmija, ai termini tal-Artikolu 11 tal-Att dwar id-Drittijiet tal-Awtur (Kap 415 tal-Liġijiet ta' Malta) li jgħid illi, "*id-drittijiet tal-awtur għandhom dejjem ikunu fl-awtur jew fil-ko-awturi*" ("*copyright shall always vest in the author or joint authors*");

> ILLI ai termini ta' l-Artikolu 24(4) tal-Kap 415, ċessjoni ta' drittijiet tal-awtur u liċenza biex jintgħamel att li l-għemil tiegħu huwa kkontrollat minn drittijiet ta' l-awtur għandu **jseħħ bi ftehim bil-miktub** bejn il-partijiet. Illi dan il-ftehim qatt ma sar bejn il-partijiet, u lanqas ma hu inkluż fil-kuntratt ta' l-impieg ta' l-esponenti, u għalhekk m'hemm l-ebda dubbju illi x-xogħolijiet in kwistjoni huma u dejjem kienu l-proprjeta' tal-esponenti u li l-propjeta' intellettwali fihom tappartjeni esklussivament lill-esponenti;
>
> ILLI bl-aġir tiegħu l-intimat Attard Trevisan ikkawża danni serji u irreparabbli lill-esponenti, u dana peress illi r-riċerka mwettqa mill-esponenti ma' tista' qatt tiġi ppublikata minnu stante illi l-intimat Attard Trevisan attribwixxa lilu stess l-idejat oriġinali u x-xogħol letterarju ta' l-esponenti. B'dan l-egħmil qarrieqi ta' l-intimat Attard Trevisan, l-esponenti kien effetivament impedit milli jippubblika xogħolu f'ismu stess, bħalma kellu kull dritt li jagħmel, għaliex ir-riċerka oriġinali tiegħu ġiet irrilaxxjata fis-suq, fost kompetizzjoni ħarxa, u għalhekk ma setgħetx tkompli tiġi kkunsidrata bħala xogħol ġdid, inovattiv u b'element ta' "breaking ground" fil-materja speċifika tiegħu. Minħabba f'hekk l-intimat sofra danni konsistenti mhux biss fil-ksur tad-drittijiet ta' l-awtur tiegħu, iżda wkoll danni ta' natura *lucrum cessans*, stante illi l-esponenti ma setax jikkapitalizza l-valur finanzjarju tar-riċerka tiegħu fi qliegħ jew impieg futur – u dana kif ser jiġi ppruvat aħjar fil-mori ta' din il-kawża;
>
> ILLI s-soċjetajiet intimati għadhom sal-lum jaħdmu u jdaħħlu qliegħ finanzjarju minħabba – u a skapitu ta' – l-idejat u x-xogħol oriġinali ta' l-esponenti, li da parti tiegħu wara illi skopra b'dak illi kien seħħ ad insaputa tiegħu irriżenja mill-impieg tiegħu mas-soċjetá intimata AAT Medical Limited b'effett mit-22 ta' Novembru, 2016.
>
> ILLI interpellati sabiex jersqu għall-likwidazzjoni u ħlas ta' danni sofferti mill-esponenti permezz ta' ittra uffiċċjali datata 29 ta' Diċembru, 2016 (**Dok. RA.6**), l-intimati baqgħu inadempjenti u għalhekk kellhom jiġu stitwiti dawn il-proċeduri.

ipproċeda biex jitlob lill-Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna, jogħġobha tiddikjara u tiddeċiedi li:

1. L-esponenti Dr Rudi Agius huwa l-awtur ta' x-xogħolijiet inklużi t-test u l-elementi grafiċi tad-dokument "Seizure Prediction System30_08_2015.pptx", u li

konsegwentement huwa l-propjetarju tad-drittijiet intelletwali, fosthom tal-*copyright,* tax-xogħolijiet in kwistjoni, skond id-dokumenti **RA.4** inkluż u anness;

2. Tiddikkjara u tiddeċiedi li l-intimat Attard Trevisan, bil-kunsens u l-kompliċita tas-soċjetajiet intimati l-oħra, jew min minnhom, vvjolaw u kissru id-drittijiet ta' propjetà intellettwali tal-istess esponenti bil-pubblikazzjoni tat-teżi bl-isem "*Novel Computational Electroencephalographic Methodologies for Autism Management And Epileptic Seizure Prediction*";

3. Tillikwida d-danni skond il-liġi prevja u jekk hemm bżonn bl-opera ta' periti nominandi mill-Qorti bħala kumpens lill-esponenti bħala propjetarju tal-propjetà intellettwali tax-xogħolijiet letterarji in kwistjoni;

4. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom ghall-ħlas tad-danni *ai termini* tal-artikolu 43 *et seq* tal-Kap 415 u tal-artikolu 12 tal-Kap 488 tal-Liġijiet ta' Malta hekk kif l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq għall-kontravvenzjoni tad-drittijiet tiegħu;

5. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom għar-restituzzjoni tal-qligħ kollu li jkun sar mill-kontravvenzjoni tad-drittijiet tal-awtur, u li tagħti dawk id-danni addizjonali skond ma l-każ ġustament jeħtieġ.

   Bl-imgħaxijiet u bl-ispejjeż kollha kontra l-intimati jew min minnhom li huma minn issa stess inġunti għas-subizzjoni.

2. Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Adrian Attard Trevisan minnu preżentata fl-20 ta' Frar 2019[1];

3. Rat ir-risposta ġuramentata preżentata fil-21 ta' Frar 2019[2] mill-konvenuti AAT Medical Limited u AAT Research Limited, li flimkien wieġbu hekk:

**ECCEZZJONIJIET**

1. Illi preliminarjament, t-talbiet ta' l-attur fil-konfront tas-socjeta' AAT Medical Limited huma preskritti a tenur ta' l-artiklu 2153 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-ligijiet ta' Malta);

[1] Fol.107.
[2] Fol.113.

2. Illi preliminarjament ukoll, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-soċjetajiet intimati mhumiex legittimi kontraditturi tal-proceduri odjerni, stante illi (i) in kwantu jikkoncerna s-socjeta` AAT Research Limited ir-rikorrent mhuwiex u qatt ma kien impjegat taghha; u (ii) in kwantu jikkoncerna z-zewg socjetajiet intimati, jekk kien hemm ksur tad-drittijiet tal-awtur dan ma sarx minnhom u/jew taht id-direzzjoni taghhom;

3. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, s-soċjetajiet intimati ma jirrispondux ghal-agir ta' individwi li mhumiex qed jagixxu f'isem u taht id-direzzjoni ta' l-istess soċjetajiet;

4. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, in kwantu jikkoncerna it-tielet, ir-raba u l-hames talbiet tar-rikorrenti, jinghad illi r-ricerka ezegwita mir-rikorrent saret fil-kors ta' l-impjieg tieghu mas-socjeta' AAT Medical Limited u ai termini tal-kuntratt ta' mpjieg tieghu ma' l-istess socjeta'. Ghaldaqstant l-istess socjeta` ghandha kull dritt li taghmel uzu kummercjali minn din ir-ricerka, u dan nonostante l-fatt illi sallum l-istess socjeta`ghadha m'ghamlitx tali uzu, u ghaldaqstant dawn it-talbiet ghandhom jigu michuda fil-konfront tas-socjetajiet intimati;

5. Illi. minghajr pregudizzju ghas-suespost, s-soċjetajiet intimati ma wettqu ebda ksur tad-drittijiet tal-awtur ('*copyright'*) li r-rikorrent qed jallega li ghandu fuq ir-ricerka de quo;

6. Illi t-talbiet ta' l-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż.

**DIKJARAZZJONI TAL-FATTI**

i. Is-socjetajiet intimati m'ghandhom ebda kontestazzjoni dwar il kontenut tal-paragrafi (1), (2) u (3) tar-rikors guramentat tar-rikorrent.
ii. Dwar paragrafu (8) is-socjetajiet intimati qieghedin jiddikjaraw illi qatt ma uzaw ir-ricerka tar-rikorrent ghal skopijiet barra minn dawk inkluzi fil-kuntratt ta' mpjieg ta' l-istess rikorrent.
iii. Dwar paragrafi (11) u (12), is-socjetajiet intimati jiddikjaraw illi ma gie kumercalizzat ebda prodott li jirrigwarda l-*epilepsy* u ghalhekk, l-istess socjetajiet intimati m'huma idahhlu ebda qliegh finanzjarju minn ideat u/jew xoghol tar-rikorrent.

4. Rat is-sentenza mogħtija minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fis-17 ta' Ġunju 2020[3], li permezz tagħha laqgħet l-eċċezzjonijiet tal-preskrizzjoni taħt l-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili biss fil-konfront tal-konvenuti Adrian Attard Trevisan u AAT Medical Limited, u ordnat il-prosegwiment tal-kawża fil-konfront tal-konvenuta AAT Research Limited, bl-ispejjeż ta' dik id-deċiżjoni jinqasmu in kwantu għal żewġ terzi fuq l-attur u in kwantu għar-rimanenti terz fuq il-konvenuta AAT Research Limited;

5. Rat ix-xiehda u d-dokumenti miġbura, kif ukoll l-atti proċesswali fl-intier tagħhom;

6. Rat in-noti ta' sottomissjonijiet;

7. Rat li l-kawża ġiet imħollija għall-udjenza tal-lum sabiex tiġi deċiża;

Ikkunsidrat:

8. Illi din hija azzjoni proposta mill-attur nomine kontra l-konvenuti dwar ksur ta' drittijiet t'awtur u r-riżarċiment tad-danni subiti minnu konsegwenzjalment għall-istess vjolazzjoni mwettqa minnu. B'sentenza mogħtija fis-17 ta' Ġunju 2020, din il-Qorti, kif kienet diversament presjeduta, laqgħet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni taħt l-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili kif sollevata mill-konvenuti Attard Trevisan u AAT Medical Limited, iżda ċaħditha fil-konfront tal-konvenuta AAT Research Limited, u għalhekk il-kawża ssoktat fil-konfront ta' din il-konvenuta biss. Minn dik is-sentenza ma sar ebda appell u għalhekk għaddiet in ġudikat, fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-artikolu 231(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

9. Il-fatti tal-każ, sa fejn huma rilevanti għat-talbiet tal-attur kontra l-konvenuta AAT Research Limited, jistgħu jiġu riassunti kif ġej.

10. L-attur Dr Rudi Agius għandu dottorat fix-xjenzi, u wara li temm l-istudji tiegħu, huwa mpjega ruħu mas-soċjetà AAT Medical Limited b'kuntratt tas-16 ta' Ġunju 2015[4] bħala

[3] Fol.216.
[4] Fol.9.

*algorithm researcher*. F'dan il-kuntratt ġie miftiehem li: «*The Employee agrees that the Employee may also be instructed to undertake work for any of the Employer's subsidiaries or other associate companies or companies in which the shareholder/s of the Employer may have an interest in*». L-attur xehed illi kien Attard Trevisan li kien avviċinah biex jaħdem mas-soċjetà AAT Research Limited, u li hu twebbel għaliex kien jaf persuni oħrajn li filwaqt li kienu mpjegati ma' din is-soċjetà, kellhom il-fakultà li jippubblikaw riċerka f'isimhom stess. L-attur spjega li dan kien importanti ferm għall-karriera tiegħu ta' riċerkatur, fejn il-kejl jittieħed abbażi tal-pubblikazzjonijiet magħmula, u mhux sempliċiment skont l-impjiegi li wieħed ikollu[5].

11. L-attur jgħid li fil-kors tal-impjieg tiegħu huwa kien joħloq kunċetti u ideat relatati mad-dmirijiet tiegħu permezz tal-ħidma intellettwali tiegħu, u l-prodott ta' dik il-ħidma kien ikollu karattru oriġinali. Dan ix-xogħol kien isir minnu għall-benefiċċju tas-soċjetà AAT Medical Limited, li kienet il-prinċipal tiegħu, kif ukoll tas-soċjetà AAT Research Limited. Fost l-ideat hekk prodotti minnu, kien hemm dik imsejħa *seizure prediction system*[6]. Hu spjega fix-xiehda tiegħu li din ir-riċerka kienet maħsuba biex tnebbaħ lil pazjent li jbati minn kondizzjoni epileptika bl-avvent t'attakk epileptiku qabel ma dan iseħħ[7]. L-attur xehed li huwa kien jagħmel dan ix-xogħol waħdu u kien iħejji rapporti regolari lil Attard Trevisan u lil Kristian D'Amato, li kien jokkupa l-pożizzjoni ta' *software team leader*[8].

12. Mix-xiehda mogħtija mill-attur, jirriżulta li xogħlu jinvolvi l-ħolqien ta' *algorithms* li l-iskop tagħhom huwa li jbassru l-andament ta' kondizzjonijiet mediċi speċifiċi skont numru ta' fatturi, bħal storja medika u riżultati ta' testijiet tad-demm, sabiex permezz ta' dak it-tbassir jiġi identifikat it-trattament l-aktar idonju għal dak il-pazjent partikolari[9]. Waqt il-kontro-eżami tiegħu, l-attur stqarr li l-ħolqien ta' *algorithms* mhux neċessarjament jissarraf f'ħolqien ta' *software*, anki jekk eventwalment hekk isir[10].

[5] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-attur, a fol.122.
[6] Fol.18.
[7] Ara wkoll ix-xiehda ta' Angelica Micallef Trigona, a fol.399.
[8] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-attur, a fol.123.
[9] Ara x-xiehda tal-attur, a fol.240.
[10] Ara x-xiehda in kontro-eżami tal-attur, a fol.517-518.

13. Fir-rikors ġuramentat tiegħu l-attur jilmenta illi Adrian Attard Trevisan, li kien id-direttur ewlieni tas-soċjetà AAT Medical Limited, u li f'dik l-epoka kien qed isegwi kors ta' dottorat f'Università fl-Italja, kien inkorpora l-prodott intellettwali oriġinali maħluq minnu fit-teżi li huwa kien issottometta lil din l-Università[11], u dan mingħajr il-permess tiegħu u mingħajr ma saret ebda forma ta' riferenza jew rikonoxximent lejn id-dritt t'awtur tal-attur Dr Rudi Agius. L-attur qal li dan wassal biex hu ma setax jippubblika r-riċerka tiegħu, billi din ġiet approprjata minn Attard Trevisan[12].

14. Fir-rikors ġuramentat, u preċiżament fil-premessa numerata tnax, l-attur jilmenta li s-soċjetajiet konvenuti baqgħu jaħdmu u jagħmlu l-qligħ bis-saħħa tax-xogħol oriġinali tiegħu, u dan minkejja li l-attur kien irriżenja mill-impjieg tiegħu wara li skopra x'kien għamel Attard Trevisan.

15. L-attur spjega li huwa ma rriżenjax mill-ewwel mill-impjieg tiegħu għaliex ried ikompli jaħdem fil-proġett li kien qed jagħmel, iżda l-progress f'dan il-proġett ma baqax possibbli meta sar neċessarju li jinkiseb *database* u l-attur kien infurmat li ma kienx hemm il-fondi għalih[13]. Kien meta l-attur intebaħ li din tal-fondi insuffiċjenti kienet biss skuża li huwa rriżenja mill-impjieg. Wara din ir-riżenja, l-attur kien sostna li Attard Trevisan kien ikkopja r-riċerka tiegħu fit-teżi, u b'ittra datata 15 ta' Diċembru 2016[14], il-konvenuta AAT Research Limited wissietu biex ma jibqax jagħmel allegazzjonijiet bħal dawn, u f'kull każ id-drittijiet t'awtur fuq ix-xogħol magħmul minnu kienu jappartjenu lilha, u hija kienet tat permess lil Attard Trevisan biex jagħmel użu mill-istess[15].

16. Irriżulta li b'ċertifikat mogħti fl-20 t'April 2015[16], il-Kontrollur tal-Proprjetà Industrijali ta lill-konvenuta AAT Research Limited privattiva industrijali b'effett mit-30 ta' Settembru 2013 fuq l-invenzjoni msemmija *Non-invasive, low end, 40 minute pre-emptive system for epilepsy seizure prediction*. Attard Trevisan xehed li kien

---

[11] Fol.449.
[12] Ara x-xiehda tal-attur, a fol.272.
[13] Ara x-xiehda tal-attur, a fol.243.
[14] Fol.283.
[15] Ara wkoll ix-xiehda ta' Adrian Attard Trevisan, a fol.459-460.
[16] Fol.111.

minħabba din il-privattiva li l-attur ġie offrut impjieg, u ċjoè biex ikompli fuq ix-xogħol li kien diġà sar[17].

17. L-Università ta' Milan, wara rapport magħmul lilha mill-attur, u ri-eżaminazzjoni tat-teżi sottoposta minn Attard Trevisan, waslet għall-konklużjoni (fost konklużjonijiet oħrajn) li kien sar minnu użu estensiv tax-xogħlijiet reżi mill-attur waqt l-impjieg tiegħu, u b'deċiżjoni tal-20 t'April 2021 sabet lil Attard Trevisan ħati ta' *plagiarism*[18].

18. Effettivament ma jirriżultax li l-konvenuta AAT Research Limited qatt ikkumerċjalizzat ir-riċerka li saret mill-attur[19].

Ikkunsidrat:

19. Illi huwa loġiku li l-kwistjonijiet li jridu jiġu eżaminati u epurati f'din id-deċiżjoni għandhom ikunu (i) jekk ix-xogħol magħmul mill-attur kienx tali li jnissel dritt t'awtur skont il-liġi; (ii) lil min jappartjeni dak id-dritt t'awtur, u (iii) jekk saritx vjolazzjoni ta' dak id-dritt t'awtur.

20. Nibdew billi nqisu l-ewwel kwistjoni.

21. Skont l-artikolu 3(1) tal-Att dwar Drittijiet tal-Awtur[20] (minn issa 'l quddiem imsejjaħ biss bħala «l-Att»):

> Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet[21] x-xogħlijiet li ġejjin ikunu eliġibbli għad-drittijiet tal-awtur –
>
> (a) xogħlijiet artistiċi;
> (b) xogħlijiet awdjoviżivi;
> (ċ) databases;
> (d) xogħlijiet letterarji;
> (e) xogħlijiet mużikali.

---

[17] Ara x-xiehda ta' Adrian Attard Trevisan, a fol.439-440, kif ukoll l-estratti minn gazzetti eżebiti mill-attur, a fol.521-525.
[18] Fol.285.
[19] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Peter James Lawrence Griffiths, a fol.529.
[20] Kapitolu 415 tal-Liġijiet ta' Malta.
[21] Il-Qorti jkollha tirrimarka li huwa evidenti li din il-parti tad-dispożizzjoni hija nkompleta. It-test Ingliż jgħid «*Subject to the provisions of this article…*».

22. Mela sabiex ix-xogħol tal-attur ikun jista' jnissel dritt t'awtur, irid ikun jidħol f'waħda minn dawn il-kategoriji. Hija l-fehma ta' din il-Qorti li x-xogħol magħmul mill-attur jidħol fit-tifsira ta' «programm għall-*computer*» skont l-artikolu 2 tal-Att. Din it-tifsira tgħid hekk:

> …tinkludi programmi għall-*computer*, jkunu xi jkunu l-mod u l-għamla tal-espressjoni tagħhom inklużi dawk li jkunu inkorporati f'*hardware*, *interfaces* li jipprovdu għall-interkonnessjoni fiżika u l-interazzjoni jew pjuttost l-interoperabilità bejn elementi ta' *software* u *hardware* u materjal ta' disinn preparatorju li jwassal għall-iżvilupp ta' programm għall-*computer*:
> Iżda x-xorta ta' materjal ta' disinn preparatorju jkun tali li programm għall-*computer* jista' jirriżulta minnu fi stadju ulterjuri;

23. L-algoritmi maħluqa mill-attur jikkwalifikaw bħala «materjal ta' disinn preparatorju» li minnu jista' jirriżulta programm għall-*computer* fi stadju eventwali, u dan kif xehed l-attur stess waqt il-kontro-eżami tiegħu. Din id-definizzjoni tat-terminu «programm għall-*computer*» jidher li tirrifletti d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2009/24/EC. Ix-xogħol imħejji mill-attur huwa fil-fatt maħsub għal ħolqien ta' sistema (*software*) li tipproċessa tagħrif li jiġi mdaħħal fiha bir-riżultati mbagħad ikunu esposti f'apparat appożitu (*hardware*). Dan il-ħsieb u pjan huwa espost b'mod ċar fix-xogħol tal-attur[22].

24. Issa programm għall-*computer* huwa espressament kompriż fit-tifsira ta' «xogħol letterarju». Din it-tifsira taqra hekk:

> "xogħol letterarju" tfisser, irrispettivament mill-kwalità letterarja, kull wieħed minn dawn li ġejjin, jew xogħlijiet simili għalihom;
> (a) rumanzi, stejjer u xogħlijiet poetiċi;
> (b) kompożizzjonijiet teatrali, direzzjonijiet tal-palk, xogħlijiet koreografiċi jew trattenimenti fi spettakoli muti, xenarji ta' pellikoli u manuskritti għax-xandir;
> (ċ) kotba ta' test, trattati, storja, bijografiji, essays u artikoli;
> (d) enċiklopediji u dizzjunarji;
> (e) ittri, rapporti u memoranda;

[22] Ara fol.22,26,28,32, fost paġni oħra.

> (f) konferenzi, indirizzi u priedki;
> (g) programmi għall-computer,
> iżda salv kif provdut fl-artikolu 12 tal-Att tal-1980 dwar ir-Reviżjoni tal-Liġijiet Statutarji, ma tinkludi ebda liġi miktuba, rapport ta' kawzi jew deċiżjoni ġudizzjarja

25. Fil-ktieb ***Copinger and Skone James on Copyright***, li huwa x-xogħol seminali dwar dan il-kamp tal-liġi, ġie mfisser: «*It is necessary to distinguish between "expressions" on the one hand and "ideas, procedures, methods of operations and mathematical concepts as such" on the other. What is protected by copyright in a computer program is the form of expression of the program itself. Other things which are conveyed by or described in the program, of which "ideas, procedures, methods of operation and mathematical concepts" is a non-exhaustive list, are not protected*»[23]. U b'riferenza akbar għall-fattispeċi tal-każ odjern: «*More important, perhaps, is the fact that the protection of preparatory design material for a computer program does not mean that ideas by way of preparatory design work are protected: what is protected under this heading is such a work as a literary work, namely the expressions of the designs which are to go into the ultimate programme, not the ideas themselves*»[24].

26. Dan, wara kollox, huwa prinċipju universali fil-liġi li tittutela d-drittijiet tal-awtur, u ċjoè li l-protezzjoni tingħata lill-espressjoni tax-xogħol u mhux għall-kontenut innifsu. F'dan is-sens il-Qrati Maltin sabu li anki mapep jistgħu jagħtu lok għal dritt t'awtur fir-rigward tal-mod kif il-karatteristiċi ġeografiċi u topografiċi murija fihom ikunu esposti, anke jekk l-istess kontenut sostantiv mhux minnu nnifsu protett (ara ***Dr Louis Cassar Pullicino noe vs. NCT International Trading Limited***, Appell Superjuri, 3 ta' Diċembru 2010).

27. It-tieni subinċiż tal-artikolu 3 tal-Att iżid dan li ġej:

> Xogħol letterarju, mużikali jew artistiku ma jkunux eliġibbli għad-drittijiet tal-awtur kemm-il darba x-xogħol ma jkollux kwalità oriġinali u ma jkunx inkiteb, ġie reġistrat, iffissat jew xort'oħra mogħti forma materjali.

[23] 16-il Edizzjoni, Vol.I, §3-30.
[24] Ibid, §3-31.

> Barra minn hekk, il-protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur m'għandhiex testendi għal ideat, proċeduri, metodi ta' tħaddim jew kunċetti matematiċi bħal dawk.

28. Dwar il-ħtieġa li x-xogħol ikun oriġinali, ġie mfisser li: «*The adjective has been read in a limited sense. It is treated as bringing out one characteristic of the requirement of "skill, labour and judgment" – that the work must originate from the author and not be copied by him from another source. In a much repeated passage, Peterson J. said: "The word 'original' does not in this connection mean that the work must be the expression of original or inventive thought. Copyright Acts are not concerned with the originality of ideas, but with the expression of thought, and, in the case of 'literary work', with the expression of thought in print or writing. The originality which is required relates to the expression of the thought. But the Act does not require that the expression must be in an original or novel form, but that the work must not be copies from another work – that it should originate from the author"*»[25]. Hekk ukoll:

> Copyright protection is given to literary, dramatic, musical and artistic works and not to ideas, and therefore it is original skill or labour in execution of the work, and not originality of thought, which is required. Original, in this connection, does not mean that the work must be the expression of original or inventive thought; the originality required relates to the expression of thought.[26]
>
> ...
>
> What is protected by copyright in a computer program is the skill, judgment and labour in devising the form of expression of the program as a literary work, and it is to this aspect of the work that the inquiry as to originality must be directed. Other things which may be conveyed by or described in the program, including ideas, procedures, methods of operation and mathematical concepts, are not protected and are thus not relevant to the inquiry[27].

29. Fil-fehma tal-Qorti, x-xogħol tal-attur huwa xogħol preparatorju għall-programm tal-*computer*, u bħala tali jitqies bħala xogħol letterarju għal finijiet tal-Att. Dan ix-xogħol

[25] ***Cornish & Llewelyn***, Intellectual Property: Patents, Copyright, Trade Marks and Allied Rights (5th Edition), §10-08.
[26] ***Copinger and Skone James on Copyright*** (16th Edition), Vol.I, §3-129.
[27] Ibid, §3-132.

ġie wkoll mogħti forma materjali u huwa munit b'karattru oriġinali għal dak li jirrigwarda l-espressjoni tiegħu. Għalkemm huwa minnu li rriżulta li l-ħsieb għall-ħolqien ta' sistema li tbassar attakki epilettiċi oriġina mill-konvenuta, tant li rnexxielha anke tikseb privattiva fir-rigward, jibqa' l-fatt li l-attur għamel xogħol ieħor li permezz tiegħu fassal proċess kif dik l-idea tikkonkretizza ruħha b'mod tekniku u materjali. Dan il-proċess imfassal mill-attur jikkostitwixxi l-espressjoni ta' dik l-idea, u hija dik l-espressjoni li l-liġi dwar id-drittijiet tal-awtur trid tittutela.

30. Għalhekk il-Qorti qed tasal għall-konklużjoni li x-xogħol tal-attur meritu tal-kawża huwa tali li jnissel dritt t'awtur skont id-dispożizzjonijiet tal-Att.

31. Dan iġibna għat-tieni kwistjoni, u ċjoè lil min jappartjeni dak id-dritt t'awtur.

32. Huwa ċar u paċifiku li x-xogħol in kwistjoni sar mill-attur fil-kors ta' u b'rabta mal-impjieg tiegħu mas-soċjetà AAT Medical Limited. Huwa għalhekk applikabbli dak li jipprovdi l-artikolu 11(1) tal-Att:

> Id-drittijiet tal-awtur mogħtija bl-artikoli 4, 5 u 6 ikunu inizjalment tal-awtur jew tal-ko-awturi:
> Iżda fil-każ ta' programmi għall-*computers* u *databases* fejn xogħol isir filwaqt li l-awtur ikun impjegat, fl-eżekuzzjoni ta' dmirijietu jew fuq struzzjonijiet li jingħatawlu mill-prinċipal tiegħu, id-drittijiet ekonomiċi mogħtija bid-drittijiet tal-awtur għandhom jitqiesu bħala li jkunu trasferiti għal għand il-prinċipal tal-awtur, bla ħsara għal kull ftehim bejn il-partijiet li jkun jeskludi jew jillimita trasferiment bħal dak. Għar-rigward ta' xogħlijiet oħra eliġġibbli għad-drittijiet tal-awtur, f'dawk iċ-ċirkostanzi, bla ħsara għal kull ftehim għall-kuntrarju bejn il-partijiet, id-drittijiet tal-awtur għandhom dejjem ikunu fl-awtur jew fil-ko-awturi.

33. Issa fil-kuntratt t'impjieg li l-attur kellu mas-soċjetà AAT Medical Limited ma nsibu ebda kondizzjoni jew stipulazzjoni li taffettwa jew tirregola l-kwistjoni dwar id-drittijiet t'awtur. Dan ifisser li tapplika l-preżunzjoni maħluqa fl-artikolu 11(1) tal-Att, u ċjoè dan ix-xogħol, li l-Qorti diġà sabet li jidħol fit-tifsira ta' «programm għall-*computer*», jappartjeni lill-prinċipal tal-attur, u mhux lill-attur innifsu.

34. Din il-preżunzjoni taħt il-liġi tagħna hija ċirkoskritta għal xogħlijiet ta' programmi għall-*computers* u *databases* biss, u ma tgħoddx għal xogħlijiet oħra, u għalhekk wieħed għandu jifhem li, *a contrariu sensu*, fir-rigward ta' xogħlijiet oħrajn, id-dritt t'awtur jibqa' proprjetà tal-impjegat anke jekk dak ix-xogħol ikun sar fil-kors tal-impjieg, sakemm ma jkunx ġie miftiehem mod'ieħor. Pożizzjoni li hija konformi mal-liġijiet kontinentali dwar id-drittijiet tal-awtur. Fil-fatt, sa minn żmien ilu, ġie miżmum fl-Italja[28] illi:

> La creazione, e, quindi, la paternità dell'opera, appartengono all'ordine dei fatti, e non già dei rapporti giuridici, e, quindi, anche quando la commissione abbia carattere di un vero *mandato* e, contenga, perciò, l'elemento della rappresentanza, non è concepibile una sostituzione giuridica di soggetti rispetto alla paternità suddetta, allo stesso modo come non sarebbe concepibile la generazione della prole fatta con veste di rappresentanza.

35. Min-naħa l-oħra, l-pożizzjoni taħt il-liġi Ingliża dejjem kienet kuntrarja, u ċjoè li huwa dejjem preżunt – salv ftehim kuntrarju – li xogħol magħmul minn impjegat jappartjeni lill-prinċipal tiegħu[29]. Pożizzjoni li fil-liġi tagħna jidher li ġiet addottata biss fir-rigward ta' programmi għall-*computer* u *databases*, kif rajna. Minkejja dan, kien hemm anki deċiżjoni fejn il-Qrati Maltin applikaw il-pożizzjoni taħt il-liġi Ingliża fir-rigward ta' xogħlijiet oħrajn (ara, per eżempju, ***Patricia Vella vs. Marion Mizzi et***, Appell Superjuri, 31 ta' Jannar 2011).

36. La l-attur għalhekk mhux vestit bid-drittijiet t'awtur fuq ix-xogħol in kwistjoni, it-talbiet tiegħu ma jistgħux jiġu akkolti u għalhekk m'hemm ebda skop li l-Qorti tistħarreġ l-aħħar kwistjoni minnha msemmija aktar qabel.

37. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

(i) tilqa' r-raba' eċċezzjoni tal-konvenuta AAT Research Limited;

(ii) tiċħad it-talbiet kollha tal-attur;

[28] ***Piola-Caselli***, Del Diritto di Autore, §36.
[29] ***Copinger and Skone James on Copyright***, loc cit, §5-08.

(iii) tordna li l-ispejjeż tal-kawża jbatihom l-attur, b'dan li l-ispejjeż relatati mad-deċiżjoni mogħtija minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta, fis-17 ta' Ġunju 2020 għandhom jibqgħu kif hemmhekk deċiżi.

Onor. Mark Simiana, LL.D
Imħallef

Deputat Reġistratur